MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 154/2013

**AB**

vs

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet ma humiex miżżewġin, izda minn relazzjoni li kellhom flimkien kienet twieldet il-minuri R B li twieldet nhar it-Tlieta (3) ta’ April tas-sena elfejn (2000) li llum għandha

tlettax (13) il-sena. (Ċertifikat tat-twelid tal-minuri hawn anness u mmarkat bħala Dokument RA1.)

2. Illi permezz ta’ sentenza deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet C D vs. A B, għall liema kawza, l-esponenti kien kontumaċi minħabba raġunijiet lil hinn mill-kontroll tiegħu, l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ddeċidiet dwar kura u kustodja, manteniment u aċċess u dan skond ma jirrizulta mill-istess sentenza deċiza fl-4 ta’ Diċembru 2012 (Rikors Maħluf bin-numru 260/2011AL) hawn annessa u mmarkata bħala Dokument RA2.)

3. Illi l-esponenti kien kontumaċi fl-imsemmija kawza, u sar jaf biss bis-sentenza wara li kien għadda z-zmien ta’ l-appell u meta huwa qabbad minn jeddu lil min jagħmillu riċerka fil-Qorti meta nduna li l-intimata ma baqgħetx turieħ lil-minuri u qaltlu li jekk irid imur u jaraha l-appoġġ.

4. Illi fl-imsemmija sentenza hemm ħafna fatti skorretti u gideb sfaxxat li sar minn naħa tal-intimata C D u li fuqhom l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), in vista tal-kontumaċja tar-rikorrenti, tat il-ġudizzju tagħha, fosthom:

   (i) Illi l-intimata allegat li r-rikorrenti huwa persuna vjolenti meta mhux minnu li r-rikorrenti huwa persuna vjolenti jew li qatt uza xi tip ta’ vjolenza fuq l-intimata jew bintom tant illi lil bintom kien ikun hu li jrabbiha għat-tul tal-vaganzi kollha, inkluz tas-sajf u tal-Milied u tal-Għid apparti fil-weekends fejn il-minuri kienet torqod għand il-missier mill-Ġimgħa sal-Ħadd;
   (ii) Illi lanqas ma huwa veritier li n-nanna paterna jew r-rikorrenti kien issawwat lil-minuri jew jgħajjar lil-bintu kif allegat l-intimata u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, tant illi l-intimata kienet tafda lil-minuri għand in-nanna paterna għall tul ta’ ħin twil;
   (iii) Illi sabiex jiġi ffissat il-manteniment, d-dħul tal-intimat tqies bħala dħul nett u ma ġewx ikkunsidrati l-ispejjez li huwa għandu f’ħajtu, speċjalment peress li huwa għandu tifel ieħor minn relazzjoni oħra li għandu u jipperċepixxi biss paga minima li biha jrid jgħix fil-kera u kif ukoll jmanti lil-ibnu ta’ ftit xhur u jħallas id-djun kbar li hemm mal-HSBC Bank Malta p.l.c;

(iv) Illi ma hemm l-ebda raġuni l-għala l-aċċess għandu jkun taħt supervizjoni fl-edifiċċju tal-aġenzija appoġġ, meta sal-Milied li għadda l-intimata kienet tħalli lil-minuri għand ir-rikorrenti tul ta' ġimgħat sabiex hi tkun komda tiddeverti mas-sieħeb tagħha;

5. Illi b'konsegwenza ta' hekk din l-Onorabbli Qorti, fl-assenza tal-verzjoni tar-rikorrenti ddeċidiet billi:

(i) assenjat u afdat il-kura u l-kustodja tal-minuri R f'idejn ommha b'mod esklussiv;

(ii) ordnat lir-rikorrenti jħallas manteniment fis-somma ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) kull erba' ġimgħat bħala manteniment għall-bintu minuri;

(iii) ordnat li r-rikorrenti ikollu aċċess ta' darbtejn fil-ġimgħa ta' sagħtejn kull darba, liema aċċess għandu jiġi ezerċitat fil-prezenza ta' social worker a spejjez tar-rikorrenti;

6. Illi jezistu raġunijiet suffficjenti fil-liġi sabiex jiġi rivedut u ridott il-manteniment pagabbli għall-minuri R B kif stipulat fis-sentenza deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet C D vs. A B, deċiza fl-4 ta' Diċembru 2012 (Rikors Maħluf bin-numru 260/2011AL) b'dana li l-manteniment ikun wieħed li jispekkja d-dħul tar-rikorrenti, u kif ukoll sabiex tiġi varjata s-sentenza tal- Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet C D vs. A B, deċiza fl-4 ta' Diċembru 2012 (Rikors Maħluf bin-numru 260/2011AL) b'dana li l-kura u kustodja tal-minuri tkun affidata konġuntivament bejn il-partijiet u kif ukoll sabiex l-aċċess tar-rikorrenti a favur il-minuri ikun wieħed mhux taħt supervizzjoni.

7. Illi r-rikorrenti għandu nteress li jiġġustifika l-posizzjoni tiegħu u dana sabiex il-kura u kustodja, l-manteniment u l-aċċess għall-bintu ikunu jisspjekkjaw aktar il-verita u mhux il-gideb li hemm fl-imsemmija fatti kif kontenuti fis-sentenza li hi bbazata biss fuq il-verzjoni tal-attriċi.

8. Illi r-rikorrenti anki pproċeda ai termini tar-regolament 4(1) tal-Avviz Legali 397/2003 sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jaslu għall qbil bonarju bejniethom izda dan il-qbil ma sarx.

Fil-fatt il-medjazzjoni ġiet dikjarata magħluqa u din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lir-rikorrenti sabiex jipproċedi b'din il-kawza u dan ai termini ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 9 tal-Avviz Legali 397 tas-sena 2003.

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja u okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtiega u opportuna u għar-raġunijiet fuq imsemmija li:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li ma hemm l-ebda raġuni suffiċenti fil-liġi l-għaliex l-kura u kustodja tal-minuri R B għandha tiġi affidata esklussivament f'idejn l-intimata;

2. Tordna li s-sentenza deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet C D vs. A B, deċiza fl-4 ta' Diċembru 2012 (Rikors Maħluf bin-numru 260/2011AL) tiġi varjata b'dana li din l-Onorabbli Qorti tassenja u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri R konġuntivament lil-partijiet;

3. Tiddeċiedi u tiddikjara li vverifikaw ruħhom ċirkostanzi u raġunijiet li jagħtu lok għal revizjoni u tnaqqis tal-manteniment pagabbli mir-rikorrenti lil-intimata għall-bzonnijiet tal-minuri R B;

4. Tordna li s-sentenza deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet C D vs. A B, deċiza fl-4 ta' Diċembru 2012 (Rikors Maħluf bin-numru 260/2011AL) tiġi varjata b'dana li din l-Onorabbli Qorti tillikwida ammont adegwat ta' manteniment għall-minuri R B li jirrifletti d-dħul attwali tar-rikorrenti u l-ispejjez kif ukoll l-ispejjez li għandu r-rikorrenti;

5. Tiddeċiedi u tiddikjara li ma hemm l-ebda raġuni suffiċenti fil-liġi l-għaliex l-aċċess a favur ir-rikorrenti għandu jkun taħt supervizjoni fi hdan l-Aġenzija Appoġġ;

6. Tordna li s-sentenza deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet C D vs. A B, deċiza fl-4 ta' Diċembru 2012 (Rikors Maħluf bin-numru 260/2011AL) tiġi varjata b'dana li din l-Onorabbli Qorti takkorda aċċess adegwat a favur ir-rikorrenti, liema aċċess ma jkunx taħt supervizzjoni u jkun fis-segwenti ġranet:

(i) Fix-xitwa nhar ta’ ġimgħa minn wara l-iskola sal-Ħadd fis-sebgħa ta’ filgħaxija (19:00).
(ii) Fis-sajf nhar ta’ Erbgħa mid-disgħa ta’ filgħodu (9:00am) sal-għada l-Ħamis fid-disgħa ta’ filgħodu (9:00am) nhar ta’ ġimgħa sal-Ħadd fis-sebgħa ta’ filgħaxija (19:00).
(iii) Tiffissa u takkorda aċċess adegwat għall-missier f’Jum il-Missier u f’għeluq snin il-missier u f’għeluq snin il-minuri, fil-Milied f’Jum l-Ewwel tas-sena, u kif ukoll fil-festi pubbliċi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-medjazzjoni precedenti għal dan ir-rikors, kontra l-intimat li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. ILLI l-ewwel premessa tar-rikors guramentat tar-rikorrenti mhux kontestata;

2. ILLI dwar it-tieni premessa jirriżulta ċar li l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ddeċidiet dwar kura u kustodja, manteniment u aċċess permezz ta’ sentenza datata 4 ta’ Diċembru 2012 [Rikors Ġuramentat Numru 260/2011 AL], b’dana illi l-esponenti konvenuta assolutament ma taqbilx li l-attur kien kontumaċi minħabba raġunijiet lil hinn mill-kontroll tiegħu, anzi ma jirriżultax li l-attur kellu xi impediment leġittimu u l-attur qatt ma ġġustifika għas-sodisfazzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti b’raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-Risposta Ġuramentata fiż-żmien li jmiss u perċio’ huwa unikament nuqqas da parti tiegħu u dan fi kwalunkwe każ anke in vista tal-massimu abbraċċjat mill-Qrati nostrani tagħna, li l-injoranza tal-liġi ma tikkonsistix fi skuża;

3. ILLI mingħajr pregudizzju għas-suespost u fir-rigward tat-tielet premessa, l-esponenti tirrileva li donnu l-attur irid jissolleva li l-istat ta’ kontumaċja poġġieħ fi żvantaġġ, ħaġa li ma’ hija assolutament

minnha xejn. Fil-fatt il-ġurisprudenza fir-rigward tal-kontumaċja hija ċar u kristallizzata fejn fil-kawża fl-ismijiet ***Waldonet Limited vs David Thake*** [deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fit-3 ta' April 2003] ingħad "*Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni ta' l-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni.*" Tant hu hekk illi fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Schembri noe et vs Dorianne Zerafa*** [deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fit-12 ta' Lulju 2001] ġie ritenut illi "*Il-kontumaċja ma hijiex ammissjoni iżda opposizzjoni, u għalhekk xorta l-atturi jridu jippruvaw l-allegazzjonijiet minnhom vantanti*" u in vista ta' dan kollu u fir-rigward tar-Rikors Ġuramentat Numru 260/2011 AL, jiġi sollevat illi *auctore non probante reus absolvitur;*

4. ILLI fir-rigward tar-raba' premessi, tali pretensjonijiet u allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt stante illi huma bbazati fuq allegazzjonijiet, premessi żbaljati u pretensjonijiet inveritjieri u dan kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża .

5. ILLI wkoll u mingħajr pregudizzju għas-suespost fir-rigward tat-tielet u tar-raba' premessi l-esponenti tqis li hemm kummenti mhux meħtieġa, anżi għall-kuntrarju huma inveritiera, fosthom "*fl-imsemmija sentenza hemm ħafna fatti skorretti u gideb sfaxxat li sar minn naħa tal-intimata C D u li fuqhom l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja, in vista tal-kontumaċja tar-rikorrenti, tat il-gudizzju tagħha*" u dan kollu kuntrarjament għal dak li jipprovdi l-Artiklu 159 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. ILLI mingħajr pregudizzju għas-suespost u fir-rigward tal-ħames premessa din l-Onorabbli Qorti kienet ġusta fid-deċiżjoni tagħha u dan kif jirriżulta ċar mill-istess sentenza daqstant mirquma u motivata u perċio' mhux biss saret ġustizzja mal-kontentendi u fuq kollox mal-minuri u fl-interess tagħha, iżda l-ġustizzja dehret biċ-ċar li saret, u f'dan ir-rigward tali sentenza hija *res judicata*, anki in vista tal-fatt li r-rikorrenti kellu l-opportunita' kollha biex jappella mis-sentenza fir-rigward tar-Rikors Ġuramentat Numru 260/2011 AL, u dan ukoll naqas milli jagħmlu.

7. ILLI wkoll u mingħajr pregudizzju għas-suespost dwar is-sitt premessa l-esponenti tirrileva li ma hemmx raġunijiet suffiċjenti fil-liġi biex jirradikaw d-dritt ta' revizjoni u tnaqqis tal-manteniment pagabbli mill-attur versu l-minuri li mill-ewwel sentenza sal-lum, ir-rikorrenti ġie

jaqa' u jqum minn dak lilu ordnat minn din l-Onorabbli Qorti u ma ħallasx dak il-manteniment hekk ordnat. Fir-rigward tal-kura, kustodja u aċċess l-esponenti konvenuta tirrileva li mhux fl-aħjar intress u tal-aqwa vantaġġ għall-interess tal-minuri li dawn jiġu varjati u lanqas hemm raġunijiet suffiċjenti fil-liġi biex tiġi varjata s-sentenza fir-Rikors Ġuramentat Numru 260/2011 AL;

8. ILLI l-konvenuta taf b'dawn il-fatti personalment.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attur li huwa minn issa nġunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet dwar is-sitt eccezzjoni tal-konvenuta;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal sentenza dwar is-sitt eccezzjoni tal-konvenuta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tirrileva li hemm qbil fuq il-fatt li hemm sentenza fl-ismijiet inversi bir-referenza 260/11 AL u li ma gietx appellata mir-rikorrent u li konsegwentement illum hija *res judicata* bejn il-partijiet.

Huwa f'dan il-kuntest li l-intimata tikkontendi li il-Qorti m'ghandhiex tvarja sentenza li hija *res judicata* bejn l-istess partijiet, anke abbazi tal-fatt li l-istess rikorrrent (imma l-intimat fis-sentenza hawn imsemmija) ma intavola ebda appell mill-istess sentenza.

Illi il-Qorti issa ghandha quddiemha l-kawza odjerna u li permezz taghha qed tigi mitluba tvarja sentenza taghha stess abbazi tal-fatt li l-istess rikorrent kien kontumaci f'dawk il-proceduri u li allura fil-konfront tieghu allegatament saret ingustizzja. Irid jinghad li l-istess rikorrent la kien ittenta jiggustifika l-kontumacja tieghu u lanqas ma ghazel li jintavola appell mill-istess sentenza. F'kazijiet civili li m'humiex relatati mal-interessi tal-minuri, l-Qorti kienet tkun propensa li taqbel perfettament mal-argument tal-intimata u dan ghaliex, hekk kif gie sostnut fil-kawza fl-ismijiet **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et**[1] deciza nhar il-25 ta' Settembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l-elementi illi jikkostitwixxu gudikat huma:

"***Dawn l-elementi huma l-istess oggett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eademcausa petendi)***";

Il-Qorti hija tal-fehma li f'cirkustanzi differenti jew quddiem Qorti ta' kompetenza differenti (b'dan li l-mertu ma jkunx il-futur ta' minuri), l-applikabbilita' ta' *res judicata* kienet tkun wahda ovvja u fil-kaz in kwistjoni, l-implikazzjonijiet ta' *res judicata* certament kienu japplikaw *stante* li hemm l-istess oggett (il-minuri R B, l-istess partijiet u l-istess mertu (it-talbiet kollha huma relatati mal-minuri u kwistjonijiet ancillari mal-istess fosthom il-kura u l-kustodja flimkien ma' aspett ta' manteniment).

[1] Citaz. Nru. 766/00

Izda l-Qorti tirrileva wkoll li l-mertu tal-istess kawza m’huwiex xi haga statika bhal ma huwa xi cint jew xi proprjeta’ izda l-futur u l-hajja ta’ minuri. Kwistjonijiet ta’ manteniment, kura u kustodja u kwistjonijiet ancillari mal-minuri iridu necessarjament jigu decizi jew mistharrga mhux b’nuqqas ta’ applikazzjoni tal-principju ta’ *res judicata* imma abbazi tal-principju tal-ahjar interessi tal-minuri. Tkun ingustizzja kbira, mhux lill-partijiet imma lill-istess minuri li kieku din il-Qorti twarrab ghal kollox dak kollu li ghandu xi jghid ir-rikorrent abbazi tal-fatt li hemm sentenza *res judicata* bejn il-partijiet u dan ghaliex il-mertu tal-istess kawza hija persuna hajja li ghandha d-drittijiet taghha li jridu jigu salvagwardati minn din l-istess Qorti.

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi billi tichad is-sitt eccezzjoni tal-intimata u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez ghandhom ikunu riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------